Nº 605

# GWIDA tal-Film

*4 ta' Settembru, 2010*

Segretarjat
Komunikazzjoni Soċjali
c/o Media Centre
Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda
Malta
Tel: 256 99 134

## Tinker Bell & The Great Fairy Rescue  U

Hekk kif jersaq is-sajf, Tinker Bell u sħabha l-fairies l-oħra jtiru lejn il-kampanja biex jimirhu fost l-fjuri tal-għelieqi. Minkejja li kellhom ordnijiet stretti biex ma jersqux lejn il-bnedmin, Tinker tegħlibha l-kurżità u tersaq lejn tifla żgħira, jisimha Lizzy, li tgħix f'dar fil-kampanja ma' missierha, Dr Griffiths, li jiġbor il-friefet. Lizzy tħossha tassew ixxurtjata meta ssib lil Tinker Bell maqbuda fid-dar tal-fairies li kienet poġġiet fil-ġnien. Waqt li sħab Tinker Bell ilestu biex isalvawha, tiżviluppa ħbiberija bejn Tinker Bell u Lizzy, li missierha huwa mħabbat ħafna u m'għandux ħin għaliha u hu interessat biss fix-xjenza. X'ħin il-fairies jidħlu fid-dinja tal-bnedmin, xi ħaġa li kienet ipprojbita għalihom, ikunu qed jissogaw il-futur tagħhom.

***GWIDA MORALI: Film ħelu animat, dwar il-ħbiberija u l-fiduċja. Fotografija sabiħa b'ħafna kuluri u dawl, u b'kanzunetti tal-widna. Għandu jogħġob lit-tfal ta' kull età. (U)*** ****

## Salt  12

Evelyn Salt, aġent fis-CIA, hija rrispettata ħafna u miġjuba anki mill-kap tagħha, Ted Winter. Hi ħadet ġurament biex taqdi, isservi u tqim lil pajjiżha. Jum wieħed, Orlov, spija Russu, jitlob udjenza fl-uffiċini tas-CIA. Salt tingħata l-inkarigu li tinvestigah hi minħabba l-fatt li kienet għamlet ħafna żmien tgħix fir-Russja u kienet taf sewwa l-lingwa. Orlov jikxef kumplott Russu msejjaħ 'Day X', li fih kien hemm ħsieb li jġibu fix-xejn lill-Istati Uniti tal-Amerika. Il-bidu ta' din l-operazzjoni kellha sseħħ fil-futur imminenti, meta spjun Russu kellu l-ordni biex joqtol lill-President Russu, li kien jinsab fi New York, l-Amerika, għall-funeral tal-Viċi-President Amerikan. B'sorpriża kbira, Orlov jiżvela li l-ispjun kienet Evelyn Salt. Din ir-rivelazzjoni ħawdet mhux ftit lil Salt, li mill-ewwel tħassbet dwar is-sigurtà tar-raġel tagħha. Meta ppruvat tagħmel kuntatt miegħu, għal xi raġuni jew oħra ma rnexxilhiex. Salt tiddeċiedi li taħrab. Orlov ukoll jirnexxilu jaħrab. Il-kobba tkompli titħabbel meta waqt il-funeral isir attentat serju fuq il-President Russu. X'kien is-sehem ta' Salt f'din l-operazzjoni? Tgħid il-kumplott Russu beda jseħħ tassew? Film mimli azzjoni bi storja tajba, għalkemm kumplikata, iżda li żgur tħallik fuq ix-xwiek għal matul il-film kollu.

***GWIDA MORALI: Minħabba vjolenza, qtil u l-istorja fiha nfisha, ikun tajjeb li l-film jarawh dawk li għalqu l-14-il sena.*** ***

## Step Up 3  U

Dan il-film huwa t-tielet wieħed minn din is-serje. Din id-darba l-ġrajja, flok f'Baltimore, hi ambjentata fi New York. Luke, il-kap tal-grupp taż-żfin 'The Pirates', bil-għan li l-grupp tiegħu jkun jista' jirbaħ kompetizzjoni taż-żfin, u b'hekk ikunu jistgħu jħallsu l-kera ta' fejn joqogħdu u jipprattikaw, idaħħal żewġ membri ġodda fil-grupp: Moose, student ġdid fl-università, li Luke jieħu taħt il-kura tiegħu, u lil Natalie, li tidher li m'għandhiex fejn toqgħod u li Luke jingibed lejha. L-għan ta' Luke jiġi mfixkel kemm minn Moose, li aktar ħsiebu fl-istudju u fit-tfajla tiegħu milli fiż-żfin, u kemm minn Julien, li kien il-ħabib ta' Luke imma li issa sar ir-rival tiegħu u jaħdem minn taħt biex jaqlibhielu. Il-film ikompli fuq "Step Up 2", b'ħafna xeni ta' żfin 'tat-triq', li bit-3D jieħu dimensjoni oħra, kif ukoll juri t-temi familjari ta' Hollywood, dik li wieħed jilħaq il-ħolm tiegħu, u grupp ta' ħbieb li jsiru qishom familja waħda.

***GWIDA MORALI: Fih xi kliem u xi mossi ftit goffi, li minħabba fihom nissuġġerixxu li t-tfal għandhom ikunu akkumpanjati mill-ġenituri. (PG).*** ***

**RATINGS**

**U - is-suġġett huwa moralment tajjeb għal kulħadd**
**PG - it-tfal jifhmu l-film aħjar jekk ikunu msieħba minn adult**
**12 - il-pre-adolexxenti jistgħu jifhmu s-suġġett mingħajr ma jagħmlilhom ħsara**
**16 - l-adolexxenti jistgħu jifhmu s-suġġett mingħajr ma jagħmlilhom ħsara**
**18 - il-film jitratta problemi b'temi soċjali ta' natura serja li jitolbu udjenza adulta**
**AR - it-trattament jitlob ċertu riżerva fil-każ ta' adulti wkoll**
**Ħ - il-film huwa kollu kemm hu negattiv**

Dawn ir-ratings huma marbuta mal-livell ta' maturità li wieħed jistenna minn persuna.